Kategoriji: Benessere u Appoġġ

# Tim ta' appoġġ għall-istudenti

SCIREARLY



Sett ta' għodod edukattivi

## Prattiċi ta' tagħlim b'suċċess biex it-tfal kollha jirnexxu

SCIREARLY

**Politika u prattiċi bbażati fuq riċerka xjentifika biex jitnaqqas in-numru ta' studenti fl-Ewropa b'nuqqas ta' ħiliet u t-tluq bikri mill-iskola.**

Red Barnet, MHPSS Collaborative





# Rikonoxximent

**L-awturi** ta' dan id-dokument u l-imsieħba ta' dan il-proġett huma:
l-Universita' ta' Deusto, Spanja (Koordinatur tal-proġett)
KMOP – Ċentru għall-familja u l-kura tat-tfal, il-Greċja
Ministeru tal-Edukazzjoni, Xjenza u l-Innovazzjoni, il-Portugal
CESIE, l-Italja
l-Universita' ta' Dublin City, l-Irlanda
Red Barnet , Kollaborattiva ma' MHPSS Collaborative, id-Danimarka
l-Universita' ta' Porto, il-Portugal
l-Universita' ta' Malta, Malta
L-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Ġenituri, il-Belġju
L-Universita' ta' Ħelsinki, il-Finlandja
L-Universita' ta' Newcastle Upon Tyne, ir-Renju Unit

© Copyright 2024

Dan ix-xogħol huwa liċenzjat taħt il-"Creative Commons Attribution 4.0 International License (CC BY-NC-SA 4.0).

Data tal pubblikazzjoni: 2024

Immaġini użati taħt il-liċenzja ta' Shutterstock.com

Dan il-proġett irċieva finanzjarjament mill-Programm ta' Riċerka u Innovazzjoni Horizon tal-Unjoni Ewropea taħt il-Ftehim ta' Għotja Nru 101061288. Il-fehmiet u l-opinjonijiet espressi huma madankollu dawk tal-awtur(i) biss u mhux neċessarjament jirriflettu dawk tal-Unjoni Ewropea jew tal- Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka. La l-Unjoni Ewropea u lanqas l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka ma jistgħu jinżammu responsabbli għalihom.

# Kategoriji: Benessere u Appoġġ



# Introduzzjoni

Dan is-sett ta' għodod, "Prattiċi ta' Tagħlim b'suċċess biex it-Tfal kollha jirnexxu," huwa riżorsa prattika li turi kif jistgħu jinħolqu ambjenti ta' tagħlim ta' suċċess fil-klassijiet, skejjel, u komunitajiet. Dan jgħin lill-għalliema u l-Kapijiet tal-iskejjel jibnu spazji ta' tagħlim effettiv li jappoġġjaw studenti u jwasslu biex l-istudenti li qed ibatu biex jitgħallmu, itejbu l-ħiliet bażiċi tagħhom, u jiżviluppaw il-ħiliet soċjali u emozzjonali tat-tfal. Dan is-sett ta' għodda huwa bbażat fuq għoxrin każ ta' studju minn disa' pajjiżi Ewropej, li joffri strateġiji prattiċi li ħadmu fi skejjel fil-prattika.

Dawn il-każijiet ta' studju ġejjin minn Skejjel Primarji u Sekondarji madwar l-Ewropa li għenu b'suċċess studenti li ma kellhomx suċċess u ipprevena t-tluq bikri mill-iskola. Ir-riċerka saret fi skejjel differenti madwar il-Portugal, l-Irlanda, il-Finlandja, id-Danimarka, Spanja, il-Greċja, l-Italja, ir-Renju Unit, u Malta. Minn dawn l-iskejjel, ġbarna prattiċi konkreti li jtejbu kemm it-tagħlim akkademiku kif ukoll l-iżvilupp soċjo-emozzjonali.

Is-sett ta' għodda huwa organizzat madwar ħames oqsma ewlenin ta' ambjenti ta' tagħlim li huma ta' suċċess:

- Pedagoġiji
- Interazzjoni bejn l-għalliema u l-istudenti
- Kollaborazzjoni bejn il-ħbieb
- Kollaborazzjoni bejn l-iSkola, il-Familja u l-Komunità
- Saħħa fiżika, mentali u benesseri soċjali u Appoġġ

Filwaqt li kull għodda hija klassifikata f'wieħed minn dawn l-oqsma, ħafna mill-għodod jaħdmu f'oqsma differenti. Pereżempju, il-"Gruppi Interattivi" mhux biss jgħinu lill-istudenti jaħdmu flimkien, iżda wkoll biex jingħaqdu mal-komunità, jappoġġja l-benesseri tagħhom, kif ukoll itejjeb ir-riżultati akkademiċi tagħhom.

Huwa importanti li wieħed jifhem li l-iskejjel l-aktar ta' suċċess jużaw ħafna għodda flimkien. Filwaqt li kull għodda tista' tgħin meta użata waħedha, l-aħjar riżultati jinkisbu minn ħidma fil-ħames oqsma fl-aspetti tal-iskola kollha. Nirrakomandawlkom li tħarsu lejn l-affarijiet tajbin attwali tal-iskola tiegħek u l-oqsma fejn hemm bżonn ta' titjib biex jgħinkom tagħżlu l-aktar għodod utli għas-sitwazzjoni tal-iskola tagħkom.

Dan is-sett ta' għodda huwa disponibbli fuq pjattaforma onlajn f'sebà lingwi: Spanjol, Portugiż, Ingliż, Finlandiż, Malti, Grieg u Taljan. L-għodda kollha ġew ippruvati u żviluppati bir-reqqa permezz ta' ko-kreazzjoni dijaloġiku ma' kważi elf parteċipant fil-proġett SCIREARLY, inkluż edukaturi fl-iskejjel, studenti, familji, u membri tal-komunità.

L-għan tagħna huwa li nagħtu lill-edukaturi u lill-komunitajiet l-għodda li għandhom bżonn biex jgħinu lil kull tifel u tifla jirnexxu fl-iskola. Qegħdin naqsmu dawn il-prattiċi ta' suċċess minn ambjenti ta' tagħlim differenti b'mod aċċessibbli, qed naħdmu biex noħolqu skejjel fejn it-tfal kollha jkunu jistgħu jirnexxu, irrispettivament mill-isfond tagħhom.



# Glossarju

It-taqsima tal-glossarju hija essenzjali f'dan is-sett ta' għodod għax tipprovdi definizzjonijiet ċari ta' termini u kunċetti ewlenin li tiżgura li dawk kollha li jużawha, inklużi l-għalliema, il-kapijiet tal-iskejjel, l-esperti tal-edukazzjoni, dawk li jfasslu l-politika, u l-membri tal-komunità, jistgħu jifhmu bis-sħiħ u jimplimentaw b'mod effettiv il-prattiċi ta' tagħlim b'suċċess.

Din it-taqsima tgħin biex tnaqqas kwalunkwe nuqqas ta' ftehim fit-terminoloġija użati u tassigura ftehim konsistenti li tagħmilha aktar faċli li jiġu applikati sew dawn l-istrateġiji bbażati fuq l-evidenza u hekk iwasslu għal titjieb fir-riżultati edukattivi tal-istudenti.

## Tagħlim Dijaloġiku

It-tagħlim Dijaloġiku jenfasizza djalogu u interazzjonijiet ta' kwatlta' bħala l-mezz primarju biex jintlaħaq ftehim, tagħlim u żvilupp. L'għan tat-tagħlim u l-fehem dijaloġiku huwa li jinħoloq ambjent fejn l-istudenti, l-għalliema u l-membri l-oħra kollha tal-komunità jimpenjaw ruħhom b'mod attiv fi djalogu sinifikanti u rispettuż. Dawn huma xi wħud mill-prinċipji ewlenin:

Li jiġi jiżgurat li l-vuċijiet ta' kulħadd ikunu stmati bl-istess mod, u li kulħadd ikollu l-opportunità biex jikkontribwixxi għad-djalogu. Dan jinkoraġġixxi perspettivi diversi u jiżgura li l-vuċijiet kollha jinstemgħu.

Ir-rikonoxximent tal-valur tal-isfond kulturali u l-esperjenzi tal-istudenti u l-għalliema kollha. Dan jgħin biex jinħoloq ambjent ta' tagħlim aktar inklussiv.

Jassigura li l-interazzjonijiet dijaloġiċi fost l-istudenti, u bejn l-għalliem u l-istudent, u fi ħdan il-komunità jippromovu trasformazzjoni soċjo-kulturali u l-aħjar kundizzjonijiet għat-tagħlim u l-iżvilupp.

Li jkun hemm ko-kostruzzjoni ta' tifsira u fehim permezz ta' djalogi bejn studenti u għalliema. Dan il-proċess kollaborattiv jgħin biex japproffondixxi l-komprensjoni u r-ritenzjoni ta' informazzjoni.

Jibni sens ta' komunità u appoġġ reċiproku fost l-istudenti u l-għalliema. Dan il-prinċipju jrawwem kollaborazzjoni u responsabbiltà kollettiva għat-tagħlim.

Jassigura rispett u għarfien ta' differenzi fost l-istudenti u l-għalliema. Id-djalogu għandu jiċċelebra d-diversità u jużaha bħala riżorsa għat-tagħlim, jinkoraġġixxi l-ħsieb kritiku u jisfida lil kulħadd biex jaħseb fil-fond u jagħrbel suppożizzjonijiet.

## Dimensjoni Emozzjonali

Tagħraf l-importanza ta' relazzjonijiet ta' kwalità fit-tagħlim. Prattiċi ta' suċċess joħolqu ambjent ta' appoġġ fejn l-istudenti u l-għalliema jħossuhom siguri, appoġġati u kunfidenti meta jesprimu l-emozzjonijiet u l-esperjenzi tagħhom.

## Tagħlim Awtentiku

Jiżgura li d-djalogu u t-tagħlim huma rilevanti għall-esperjenzi u l-kuntesti tal-ħajja li jgħixu l-istudenti u l-għalliema. Dan jagħmel it-tagħlim aktar sinifikanti u applikabbli.

## 'Translanguaging'

Meta persuna titkellem b'lingwa waħda filwaqt li persuna oħra twieġeb b'oħra.

## Klassijiet ta' Akkoljenza

Klassijiet fejn tfal b'lingwa materna oħra jkunu fi klassijiet speċjalizzati fejn jintuża t-'translanguaging' biex jgħin lit-tfal jitgħallmu l-lingwa tal-pajjiż ospitanti - bil-ħsieb li t-tfal jidħlu fis-sistema edukattiva hekk kif jiksbu profiċjenza fil-lingwa tal-pajjiż.



# Tim ta' appoġġ għall-istudenti

## Ħarsa ġenerali

Din hija inizjattiva tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni fl-Irlanda, bil-għan li jiġi żgurat li kull skola post-primarja (sekondarja) tistabbilixxi tim sħiħ ta' appoġġ għall-istudenti (SST) biex itejjeb l-esperjenza edukattiva u l-benesseri kollha tal-istudenti. Il-qafas għal din l-għodda huwa bbażat fuq l-adattament tal-'Gwida għall-istabbiliment u r-reviżjoni tat-timijiet ta' appoġġ għall-istudenti fl-Iskejjel post-primarji' żviluppata b'mod konġunt mis-Servizz Psikoloġiku Edukattiv Nazzjonali (NEPS) u d-Dipartiment tal-Edukazzjoni, fl-Irlanda.

Il-membri tal-SST huma fdati bit-trawwim ta' kollaborazzjoni effettiva biex jivvalutaw bir-reqqa l-ħtiġijiet diversi tal-istudenti u joħolqu strateġiji ta' appoġġ imfassla apposta. Huma għandhom rwol ċentrali fl-identifikazzjoni tal-kwistjonijiet, il-tmexxija tar-riferimenti fost il-ħaddiema tal-iskola, u l-għoti ta' serħan il-moħħ u gwida essenzjali lill-istudenti li jiffaċċjaw l-isfidi. Barra minn hekk, l-SST jassumi x-xogħol kruċjali li jidentifika studenti li jistgħu jkunu partikolarment vulnerabbli u li jeħtieġu appoġġ speċjalizzat jew fil-qafas tal-iskola jew permezz ta' aġenziji esterni. Tipikament, l-SST jinkludi grupp varjat ta' professjonisti li jinkludu l-Prinċipal tal-Iskola, id-Deputat/Assistent Prinċipal, il-Kapijiet tas-sena/Tuturi tal-Formola, il-Konsulent tal-Gwida, il-Koordinatur tal-kura Pastorali, il-Koordinatur tal-ħtiġijiet Speċjali, l-għalliem tal-Appoġġ għall-imġiba, il-Psikologu, u nies oħra rilevanti, skont ir-rekwiżiti speċifiċi u l-kuntest tal-komunita' tal-iskola.





Ir-responsabbilta' li jiġu stabbiliti u sorveljati l-operazzjonijiet tal-SST, inkluż l-iskedar ta' laqgħat regolari fil-kalendarju tal-iskola, taqa' fuq il-prinċipal tal-iskola. L-istrateġiji ta' appoġġ jitfasslu u jiġu implimentati skont continuum (Figura 1: continuum ta' Sapport) mniżżlin fil-gwida tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni/NEPS, li jirrikonoxxi n-natura tal-ħtiġijiet tal-istudenti li qed dejjem tevolvi matul iż-żmien. L-istudenti identifikati bħala li huma f'riskju ogħla jew li jeħtieġu appoġġ aktar intensiv jistgħu jirċievu interventi mmirati addizzjonali lil hinn mill-appoġġ universali pprovdut lill-istudenti kollha.

L-appoġġ jista' jiġi ppjanat b'mod metikoluż u implimentat b'mod effettiv biex jaqdi l-ħtiġijiet diversi tat-tfal u ż-żgħażagħ kollha tal-iskola. Dan l-approċċ komprensiv jiżgura li kull student, irrispettivament mill-isfidi jew miċ-ċirkostanzi tiegħu, jirċievi l-assistenza meħtieġa biex jirnexxi akkademikament, soċjalment, u emozzjonalment. Pereżempju, l-appoġġ jista' jinkludi interventi edukattivi mfassla apposta biex jindirizzaw stili u abbiltajiet ta' tagħlim li jvarjaw. L-appoġġi soċjali huma kruċjali wkoll, billi jippromwovu ambjenti skolastiċi inklużivi u ta' appoġġ fejn l-istudenti jħossuhom stmati u rispettati. L-appoġġi emozzjonali u ta' mġiba huma aspett integrali ieħor tal-qafas biex jgħinu lill-istudenti jinnavigaw l-emozzjonijiet u l-imġiba tagħhom b'mod kostruttiv. Hemm enfasi fuq il-kollaborazzjoni mal-familji u r-riżorsi komunitarji biex jiġi żgurat approċċ imsaħħaħ għall-appoġġ. Bl-implimentazzjoni ta' firxa wiesgħa ta' appoġġi f'dawn id-dimensjonijiet, l-iskejjel jistgħu jissodisfaw b'mod effettiv il-ħtiġijiet varji tal-popolazzjonijiet tal-istudenti tagħhom, billi jrawmu ambjent fejn kull tifel u tifla jkunu jistgħu jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom.




**Appoġġ fl-iskola għal ftit:** Intervent individwalizzat u mmirat għat-tfal u ż-żgħażagħ bi bżonnijiet aktar kumplessi u dejjiema.

**Appoġġ fl-iskola għal ftit:** Identifikazzjoni, prevenzjoni mmirata u intervent bikri għal dawk f' riskju.

**Skola sħiħa u appoġġ fil-klassi għal kulħadd:** Appoġġ skolastiku sħiħ għall-promozzjoni tal-benesseri li jinkludi l-prevenzjoni u l-iżvilupp ta' ħiliet soċjali u emozzjonali; ħiliet ta' kompetenza u ta' tkattir għal kulħadd.

Il-programm joffri flessibbilta' sinifikanti u jista' jiġi utilizzat biex isostni firxa varjata ta' studenti. L-għanijiet primarji tal-programm jinkludu:

- Ippjanar, koordinazzjoni, u reviżjoni tal-appoġġ tal-istudenti fi ħdan l-iskola.
- L-indirizzar tal-ħtiġijiet edukattivi, soċjali, emozzjonali, ta' mġiba, u ta' tagħlim ta' kull student.
- Il-promozzjoni ta' sistema' ta' skola sħiħa għall-benesseri, li jinkludi kultura u ambjent inkluživ u ta' appoġġ, għajnuna kurrikulari għat-tagħlim, ir-relazzjonijiet u s-sħubijiet, u l-politika u l-ippjanar.
- Bl-għajnuna adattata, l-istudenti jkunu jistgħu jaċċessaw edukazzjoni kompluta.
- Assistenza lill-istaff biex jieħdu ħsieb studenti bi bżonnijiet individwali b'mod effettiv.
- L-iffaċilitar ta' konnessjonijiet mal-komunita' u servizzi oħra ta' appoġġ mhux skolastiku.

# Passi ta' implimentazzjoni

**Preparazzjoni:**

Il-prinċipal tal-iskola li huwa wkoll iċ-chairperson kif ukoll il-koordinatur tat-tim tas-sapport tal-istudenti (SST) għandu r-responsabbilta' li:

- Jistabbilixxi l-SST qabel il-bidu ta' kull sena akkademika u jiddefinixxi b'mod ċar ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-membri kollha. Jistgħu jiġu mistiedna membri addizzjonali abbażi ta' ħtiġijiet speċifiċi ta' riferiment.
- Tmexxi sessjoni ta' orjentazzjoni fil-bidu ta' kull sena skolastika biex issir taf lill-persunal bil-funzjoni, ir-rwoli, u l-proċessi interni ta' riferiment tal-SST.
- Jinforma lill-ġenituri u lill-istudenti dwar ir-rwol u l-iskop tal-SST fi ħdan l-iskola permezz ta' diversi modi bħal fuljetti tal-iskola, sessjonijiet ta' informazzjoni għal studenti ġodda, u inklużjoni fil-prospett tal-iskola.
- Talloka perjodu ta' lezzjoni jew tnejn regolarment fil-ġimgħa jew kull ħmistax għal-laqgħat tal-SST ladarba t-tim ikun stabbilit.
- Is-superviżjoni ta' kull laqgħa tal-SST għandha titwettaq mill-koordinatur tal-SST li jservi wkoll bħala ċ-chairperson, biex tiġi żgurata l-konsistenza u approċċ unifikat fl-iskola kollha.
- Jaħtar persuna dedikata li tieħu l-minuti biex tirreġistra u tqassam fil-pront il-minuti ta' kull laqgħa tal-SST lill-membri rilevanti.
- Tiżviluppa mudell konsistenti u miftiehem b'mod reċiproku għat-teħid ta' minuti matul il-laqgħat tal-SST.
- Tiżgura li l-SST ikun infurmat u konxju mill-kodiċi ta' mġiba tal-iskola u l-politiki rilevanti.
- Iżżomm informazzjoni aġġornata f'kull ħin rigward is-servizzi ta' appoġġ lokali disponibbli u l-proċeduri għall-aċċess ta' dawn is-servizzi.

1

**Implimentazzjoni:**

Hija r-responsabbilta' tal-Koordinatur/Chairperson tal-SST li jassigura li

- Jiġu stabbiliti ħinijiet ta' laqgħat maħtura b'mod regolari għall-SST, idejalment kull ġimgħa. Il-frekwenza tista' tvarja abbażi tad-daqs tal-iskola, il-ħtiġijiet, u l-urġenza tal-kwistjonijiet, b'enfasi fuq approċċi proattivi aktar milli reattivi.
- Jiġu kkuntatjati l-ġenituri minn qabel permezz tat-telefown, speċjalment jekk ikun hemm tħassib għall-ewwel darba dwar student fuq l-aġenda għal-laqgħa tal-SST, filwaqt li tiżgura li jkunu infurmati dwar il-kwistjoni u l-proċess involut.
- Skeda tal-laqgħat tal-SST minn ħafna qabel biex tiffaċilita l-attendenza u l-ippjanar.
- Jiżgura li dawk li ma jattendux jiġu infurmati dwar l-informazzjoni u d-deċiżjonijiet rilevanti mill-koordinatur jew mill-persuna maħtura li jkun sar qbil dwarha fil-laqgħa.
- Jirreġistra l-minuti tal-laqgħat u jiċċirkola l-azzjonijiet miftiehma lill-membri kollha tal-SST minnufih wara kull laqgħa.
- Tinżamm il-kunfidenzjalita' tal-minuti tal-laqgħat fi ħdan l-SST.
- Jassenja membri speċifiċi tal-SST biex isegwu ma' referrers u oħrajn abbażi ta' azzjonijiet miftiehma.
- Ikun hemm gwida mill-proċeduri tal-laqgħat li jinkludu l-kjarifika tal-iskop tal-laqgħa, ħarsa mill-ġdid lejn azzjonijiet preċedenti, jinżamm rekord tal-progress, iċ-ċertezza li l-perspettivi kollha jinstemgħu b'mod pożittiv u proattiv, iż-żamma fil-limiti ta' żmien, ir-reġistrazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet, u l-istabbiliment tad-data għal-laqgħa li jmiss. Meta jkun meħtieġ, il-President jista' jieħu deċiżjonijiet fin-nuqqas ta' kunsens.
- Jinżamm approċċ li ma jiġġudikax u strutturat għas-soluzzjoni tal-problemi.
- Iżomm reġistru komprensiv tar-riferimenti u l-azzjonijiet kollha mibdija mill-SST.
- Jintlaħaq qbil fost l-SST dwar kif il-kwistjonijiet u l-każijiet jiġu prijoritizzati għad-diskussjoni fil-laqgħa tal-SST.
- Jintlaħaq qbil mill-SST dwar kif ir-riżultati tal-laqgħat tal-SST jiġu kkomunikati lil staff ieħor tal-iskola.
- Jiġu maħżuna r-rekords tal-laqgħat tat-tim ta' appoġġ għall-istudenti b'mod sigur.
- Tiġi stabbilita sistema maqbula għall-qsim ta' informazzjoni li tiżgura li tinżamm il-kunfidenzjalita'.

2

**Monitoraġġ u evalwazzjoni:**

- Reviżjoni tal-log tal-SST kull tliet xhur biex tiġi mmonitorjata r-rata ta' tlestija b'suċċess tal-azzjonijiet ta' appoġġ għall-istudenti.
- Reviżjoni ta' azzjonijiet ta' appoġġ għall-istudenti li baqgħu mhux mitmuma jew mhux kompluti.
- Terġa tiġi evalwata perjodikament (trimestrali) il-kompożizzjoni tal-SST.
- Reviżjoni tal-politika u l-istrutturi ta' appoġġ għall-istudenti.
- Valutazzjoni annwali tax-xogħol tal-SST mill-Bord tat-Tmexxija tal-Iskejjel /Assoċjazzjoni tal-ġenituri.

3

# Eżempji u Studji ta' każijiet:

Din l-għodda hija bbażata fuq studju ta' każ ta' skola post-primarja Irlandiża, skola sekondarja volontarja fit- Tramuntana ta' Dublin, żona mmarkata bi proporzjon għoli ta' residenza soċjali. L-iskola hija skola Designated DEIS (Delivering Equality of Opportunity in Schools). Fl-intervista l-prinċipal tal-iskola qasam li kważi 10% tad-942 student għandhom sfond ta' migrazzjoni jew huma refuġjati, b'korp ta' studenti li jikkonsisti f'533 tifel u 409 tifla. Minkejja d-diversita' u l-isfidi, l-iskola kisbet rata għolja ta' progressjoni ta' 93% fl-2023. Il-membri tal-Student Support Team qasmu xi eżempji ta' kif topera l-SST.

### EŻEMPJU WIEĦED:

Konsulent ta' Gwida A

It-Tim tas-sapport tal-istudenti jiltaqa' regolarment biex jiffoka fuq lista ta' studenti fil-mira li jkollhom bżonn l-appoġġ. Id-dipartiment tal-'guidance' jieħu l-minuti għal dawn il-laqgħat, u jara li d-diskussjonijiet u d-deċiżjonijiet kollha jkunu dokumentati. L-enfasi tat-tim huwa li jinstabu soluzzjonijiet u li jittieħdu passi azzjonabbli biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-istudenti. L-ebda deċiżjoni ma tittieħed b'mod unilaterali; minflok, dawn jiġu diskussi b'mod kollettiv. L-istudenti jiġu assessjati abbażi tal-livell ta' bżonn tagħhom, li jista' jvarja minn wieħed (bżonn baxx) sa ħamsa (bżonn għoli). Dawn il-ħtiġijiet jistgħu jvarjaw ħafna, u jinkludu appoġġ akkademiku, tħassib dwar il-familja, u kwistjonijiet oħra. L-SST jindirizza dawn il-ħtiġijiet bħala grupp, filwaqt li jiżgura sistema ta' appoġġ sħiħ. Għal deċiżjonijiet bħal bidliet fil-livelli akkademiċi (eż., student li jkun irid jiċċaqlaq minn matematika ta' livell ogħla għal matematika ta' livell ordinarju), jiġi segwit proċess strutturat. L-istudent irid jimla formola, li teħtieġ firem mill-istudent, mill-ġenitur tiegħu, mill-kap tas-sena, mill-għalliem, u mill-guidance counsellor. Dan il-proċess bir-reqqa jiżgura li l-partijiet kollha jkunu infurmati u jaslu għal ftehim.



### EŻEMPJU TNEJN:

Konsulent ta' Gwida B

It-Tim tas-sapport tal-istudenti jħares l-kwistjonijiet kollha relatati mal-istudenti, u jiżgura li ħadd ma jintilef jew jisparixxi mis-sistema edukattiva. Dan l-approċċ komprensiv jippermetti lil kulħadd jibqa' infurmat dwar l-istatus ta' kull grupp ta' sena. Il-kap tas-sena jmexxi diskussjonijiet dwar il-gruppi rispettivi tagħhom, u jieħu ħsieb l-organizzazzjoni u aċċess għal diversi riżorsi. Pereżempju, jekk ikunu meħtieġa servizzi ta' transizzjoni u preparament għall-iskola, dawn ikunu involuti fid-diskussjonijiet, minkejja li l-uffiċjali kkonċernati mhux neċessarjament ikunu preżenti kuljum fl-iskola. Dan jiżgura li l-istudenti f'riskju li jispiċċaw mill-iskola kmieni jiġu segwiti u mogħtija l-għajnuna meħtieġa. L-SST jiltaqa' kull ġimgħa biex jaġġorna dwar il-progress ta' dawn l-istudenti. Ir-riferimenti lill-SST jistgħu jiġu minn kwalunkwe għalliem, ġenitur, jew student. Hemm indirizz elettroniku apposta għar-riferimenti, jew jistgħu jitkellmu direttament ma' konsulent jew għalliem tal-gwida. Ladarba ssir referenza, membru tal-SST jilħaq jifhem it-tħassib u jieħu l-azzjonijiet meħtieġa. L-SST imbagħad jiddeċiedi min se jikkomunika ma' partijiet oħra involuti, jekk hux qed jikkuntattja lill-għalliema, lill-ġenituri, jew lis-servizzi esterni. Dan il-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet jiżgura li l-appoġġ u l-komunikazzjoni xierqa jiġu pprovduti b'mod effettiv.

### EŻEMPJU TLIETA:

Investejna sforz konsiderevoli fit-Tim ta' appoġġ għall-istudenti (SST) tagħna, billi ddedikajna sagħtejn kull ġimgħa għal-laqgħat apposta. Dan jeħtieġ żmien u koordinazzjoni sinifikanti, li jiżguraw li jkun hemm preżenti diversi membri tat-tim, inkluż koordinatur tal-ħtiġijiet addizzjonali. Matul dawn il-laqgħat, jekk student ikun ġie identifikat, nagħmlu evalwazzjoni bir-reqqa biex nifhmu xi tkun eżattament il-kwistjoni kollha. Aħna nqisu diversi possibiltajiet ta' sfidi bħal:

Ħtiġijiet addizzjonali: niddeterminaw jekk l-istudent għandux xi ħtiġijiet mhux indirizzati u jekk hemmx bżonn ta' aktar assessjar jew screening.

Tħassib dwar l-imġiba: nevalwaw jekk humiex meħtieġa interventi ta' mġiba, bħal żieda fil-mentoraġġ jew sessjonijiet mal-konsulent gwida biex jiġu indirizzati l-attitudni jew l-attendenza li jista' jkun tkun qed tonqos.

L-għan tagħna hu li niżguraw li l-ebda student ma jiġi mitluf fis-sistema. Aħna niddependu fuq l-appoġġ tal-istaff kollu biex dawn l-istudenti jiġu mmonitorjati mill-qrib. L-għalliema huma mitluba jipprovdu rapporti dwar il-progress, jinnutaw il-pożittivi u n-negattivi, isegwu l-attendenza tal-klassi, u joffru informazzjoni dwar l-imġiba u l-prestazzjoni tal-istudent.

### EŻEMPJU ERBGĦA:

Il-perspettiva tal-istudenti fuq it-Tim ta' appoġġ:

Għandna Tim tas-sapport tal-istudenti li huwa disponibbli biex jgħin jekk f'ħajjithom tkun qed tiġri xi ħaġa li ġġib magħha ċertu toqol jew inkwiet. Normalment il-proċedura tirrikjedi li l-istudent javviċina l-għalliem dwar is-sitwazzjoni tiegħu, u dan l-għalliem jinforma lill-SST. Imbagħad ikunu jistgħu jipprovdu l-appoġġ li għandu bżonn biex joħroġ minn żminijiet diffiċli li l-istudent ikun għaddej minnhom.

Jekk student iħossu imwaħħal jew ikun għaddej minn kwistjonijiet personali, u dan jiftaħ qalbu jew javviċina lil xi ħadd, il-kap tas-sena jew membru ieħor tal-istaff jista' jibgħat email lill-għalliema tal-istudent biex jinfurmahom li għaddej minn xi ħaġa. Dan jiżgura li kulħadd ikun mgħarraf u jkun jista' joffri l-appoġġ meħtieġ filwaqt li l-istudent iħossu mifhum u mogħti l-attenzjoni u l-għajnuna meħtieġa.

### EŻEMPJU ĦAMSA:

Koordinatur TAD-DEIS u l-Kap tal-ħames sena

Jekk student ikun irid ibiddel il-livell tiegħu minn ordinarju għal ogħla, il-proċess jiġi ffaċilitat mit-Tim tas-sapport tal-istudenti. Pereżempju, jekk student qed jitħabat fil-livell attwali tiegħu jew qed imur tajjeb b' mod eċċezzjonali u għandu jimxi għal livell ogħla, il-proċess jibda b'diskussjoni. Din id-diskussjoni tista' tinbeda mill-għalliem, l-istudent, jew il-ġenituri. Bħalissa, għandi student fil-grupp tiegħi tal-ħames sena li qed jiċċaqlaq għal Irlandiż ta' livell ogħla. Il-konverżazzjoni dwar il-bidla fil-livell se tiġi ddokumentata bl-użu ta' formola speċifika. Din il-formola sservi bħala rekord ċentrali fejn l-istudent, l-għalliem, u l-ġenitur kollha jistgħu jipprovdu l-kummenti tagħhom. Ladarba dawn il-kummenti jiġu rrekordjati, l-istudent jiltaqa' mal-guidance counsellor għal diskussjoni finali. Il-guidance counsellor jassigura li l-istudent jifhem l-implikazzjonijiet ta' din il-bidla. Wara s-sign-off tal-counsellor, l-istudent jiltaqa' miegħi, jissottometti l-formola mimlija, u jien inġibha fil-laqgħa tal-SST. Dan il-proċess bir-reqqa jiżgura li l-istudenti jirrealizzaw il-livelli li qed jinbidlu ma jsirux b'deċiżjoni sempliċi; dan il-proċess iġorr miegħu konsegwenzi, b'mod partikolari għall-kors ta' studju futur tagħhom. Aħna ninvestu ħin sinifikanti f'dawn il-konversazzjonijiet biex inżommu livelli xierqa għal kull student. Dan il-metodu, għalkemm jidher sempliċi, huwa effettiv ħafna u kellu impatt pożittiv ħafna fuq il-kisba tal-istudenti. Huwa jenfasizza l-impenn tagħna għal ippjanar u appoġġ bir-reqqa, filwaqt li jiżgura li l-istudenti jieħdu deċiżjonijiet infurmati dwar l-edukazzjoni tagħhom.
Dan il-proċess jenfasizza approċċ maħsub għad-deċiżjonijiet akkademiċi, li jiżgura li l-istudenti jirċievu l-appoġġ u l-gwida li jkollhom bżonn.



# Benefiċċji

Il-benefiċċji ta' Tim tas-sapport tal-istudenti fl-iskejjel jinkludu:

- **Konsistenza fl-appoġġ offrut:** jiżgura li l-istudenti kollha jirċievu għajnuna konsistenti u kontinwa.
- **Komunikazzjoni ċara tas-servizzi disponibbli:** il-komunita' kollha hija konxja mis-servizzi ta' appoġġ disponibbli għalihom, tifhem lil min għandhom jersqu, u taf il-proċess għall-aċċess għall-għajnuna.
- **Identifikazzjoni bikrija u intervent:** jgħin fl-identifikazzjoni bikrija tal-ħtiġijiet tal-istudenti u jipprovdi interventi f'waqthom biex jiġu indirizzati kwistjonijiet akkademiċi, soċjali, u emozzjonali.
- **L-iżvilupp ħolistiku tal-istudenti**: jappoġġja l-benesseri ġenerali tal-istudenti billi jindirizza diversi aspetti tal-ħajja personali, soċjali, u akkademika tagħhom.
- **Kollaborazzjoni fost l-istaff:** jippromwovi xogħol f'tim u kollaborazzjoni fost l-għalliema, counsellors, u membri oħra tal-istaff biex l-istudenti jiġu appoġġjati b'mod effettiv.
- **Involviment imsaħħaħ tal-ġenituri:** Inħeġġu lill-ġenituri jinvolvu ruħhom aktar mal-iskola u jkunu parteċipanti attivi fl-edukazzjoni u l-benesseri ta' wliedhom.
- **Żamma u ingaġġ aħjar tal-istudenti:** jgħin biex l-istudenti jinżammu impenjati u jnaqqas ir-rati ta' studenti li jitilqu mill-iskola f'eta' bikrija billi jipprovdi l-appoġġ meħtieġ biex jingħelbu l-isfidi.
- **Pjanijiet ta' appoġġ personalizzati:** jippermetti l-ħolqien ta' pjanijiet ta' appoġġ imfassla apposta li jissodisfaw il-ħtiġijiet uniċi ta' kull student.
- **Użu massimu tar-riżorsi:** tiżgura użu effiċjenti tar-riżorsi tal-iskejjel billi tikkoordina l-isforzi u tevita d-duplikazzjoni tas-servizzi.
- **Teħid ta' deċiżjonijiet xprunat minn data:** jutilizza d-data u l-feedback biex kontinwament itejjeb l-istrateġiji ta' appoġġ u l-interventi għal outcomes aħjar.

## Suġġerimenti għas-suċċess

Dawn li ġejjin huma xi suġġerimenti għall-implimentazzjoni b'suċċess ta' Tim tas-sapport tal-istudenti (SST) fi skola:

- **Tiddefinixxi objettivi ċari:** tistabbilixxi l-għanijiet u l-objettivi speċifiċi tal-SST biex tiżgura li l-membri kollha tat-tim jaqblu mal-istess outcomes.
- **Għażla tal-membri tat-tim b'reqqa:** Agħżel individwi li huma kompetenti, għandhom l-għarfien meħtieġ u ħiliet fl-appoġġ tal-istudenti, inklużi għalliema, counsellors, amministraturi, u personnel rilevanti ieħor.
- **Tipprovdi taħriġ komprensiv:** Tiżgura li l-membri kollha tal-SST jirċievu taħriġ kontinwu f'oqsma bħas-saħħa mentali, l-antibullying, il-protezzjoni tat-tfal, l-edukazzjoni speċjali, ir-riżoluzzjoni tal-kunflitti, l-analiżi tad-data u/jew kwalunkwe qasam speċifiku għall-ħtiġijiet tal-iskola.
- **Jiġi żviluppat qafas strutturat:** jinħoloq qafas ċar li jiddeskrivi r-rwoli, ir-responsabbiltajiet, u l-proċessi tal-SST. Dan jinkludi proċeduri ta' riferiment, strateġiji ta' intervent, u azzjonijiet ta' segwitu. Jiġu skedati laqgħat regolari, idealment kull ġimgħa, biex tiġi ffaċilitata l-identifikazzjoni bikrija tal-problemi u interventi fil-pront. Tassenja responsabbiltajiet speċifiċi ta' segwitu għal kull kwistjoni, u tirreġistra l-progress fil-laqgħat sussegwenti biex tiżgura li l-ebda student ma jiġi ttraskurat jew li l-kwistjonijiet ma jiġux ikkunsidrati.
- **Trawwem komunikazzjoni miftuħa:** Inħeġġu komunikazzjoni trasparenti u miftuħa fost il-membri tal-SST, l-istudenti, il-ġenituri, u l-personnel biex tinbena fiduċja u jiġi żgurat li kulħadd ikun infurmat u involut. L-staff għandu jkun infurmat kompletament dwar ix-xogħol tat-tim u kif isir ir-riferiment, b'mod partikolari dwar kif u lil min jirreferu tħassib li ma jikkonċernax il-protezzjoni tat-tfal (peress li hemm proċess separat għal dan). Dan il-proċess jiċċentralizza l-każijiet kollha fi ħdan l-SST, u jippermetti lit-tim jistabbilixxi pjanijiet ta' kura u jikkomunikahom lura lill-personnel b'mod effettiv.
- **Użu ta' data u prattiki bbażati fuq l-evidenza:** Implimenta deċiżjonijiet bbażati fuq data billi regolarment tiġbor u tanalizza informazzjoni dwar il-prestazzjoni akkademika, l-attendenza, l-imġiba, u metriċi oħra rilevanti biex tgħin l-interventi u tagħti appoġġ lill-istudenti.
- **Tippromwovi l-kollaborazzjoni:** Ħeġġeġ kollaborazzjoni bejn l-SST u dipartimenti oħra tal-iskola, kif ukoll ma' aġenziji esterni u organizzazzjonijiet fil-komunita', biex tipprovdi appoġġ komprensiv lill-istudenti.
- **Inolviment tal-istudenti u tal-ġenituri:** Ħu sehem attiv mal-istudenti u l-familji tagħhom fil-proċess ta' appoġġ biex żgurat li l-vuċijiet tagħhom jinstemgħu u li l-ħtiġijiet tagħhom jiġu indirizzati. Tiġi pprovduta informazzjoni dwar is-servizzi disponibbli u kif jistgħu jaċċessawhom.
- **Monitoraġġ u Valutazzjoni tal-Proċess:** Irrevedi u ivvaluta regolarment l-effetivita' tal-interventi u l-istrateġiji tal-SST. Uża r-rispons biex tagħmel l-aġġustamenti u t-titjib fejn meħtieġ.
- **Assigura riżorsi adatti:** Alloka biżżejjed riżorsi, inkluż il-ħin, il-personnel, u l-materjali, biex tappoġġa l-attivitajiet u l-interventi tal-SST.
- **Oħloq Kultura ta' Appoġġ fl-Iskola:** Żviluppa ambjent skolastiku li jpoġġi l-benesseri tal-istudenti bħala prijorita' u jippromwovi kultura ta' kura, rispett u inklussivita'.
- **Stabilixxi Miri Realistiċi:** Jiġu stabbiliti miri realistiċi u li jistgħu jintlaħqu mill-SST, u jiġu ċċelebrati suċċessi biex tinżamm il-motivazzjoni u l-impenn fost il-membri tat-tim.
- **Pjan għas-sostenibbilta':** jiġu żviluppati pjanijiet fit-tul biex tiġi żgurata s-sostenibbilta' tal-SST, inkluż l-iżgurar ta' finanzjament u riżorsi kontinwi, u l-ippjanar tas-suċċessjoni għall-membri tat-tim.

Billi jsegwu dawn il-pariri, l-iskejjel jistgħu jimplimentaw u jżommu b'mod effettiv tim ta' appoġġ għall-istudenti (SST) b'suċċess li finalment jtejjeb b'mod sinifikanti l-benesseri u l-kisba akkademika tal-istudenti.







## Riżorsi addizzjonali

Jekk tixtieq tkun taf aktar dwar l-istabbiliment, l-operazzjonijiet, u l-assessjar tat-tim ta' appoġġ għall-istudenti (SST), tista' tniżżel ir-riżorsi li ġejjin billi tuża l-links ipprovduti:

Supporting the Wellbeing of Leaving Certificate Students: Guidance for Post-Primary Schools & Student Support Teams https://assets.gov.ie/214661/26891bfb-13df-4bf5-8901-46dbd01c276c.pdf

Student Support Teams in Post Primary Schools: A Guide to Establishing a Team or Reviewing an Existing Team 2021. https://assets.gov.ie/40693/a844644845444034bb6a33b2e90cb2f2.pdf

## Konklużjoni

Bħala konklużjoni, it-Tim ta' Sapport għall-Istudenti deskritt f'din l-għodda jipprovdi approċċ effettiv biex jgħin lill-għalliema u lill-istudenti fi skejjel b'popolazzjonijiet diversi u vulnerabbli. Huwa jenfasizza l-importanza viżjoni skolastika li tqis il-benesseri tal-istudenti b'mod ħolistiku, li jinkludi t-trawwim ta' kultura u ambjent ta' appoġġ permezz ta' definizzjoni ċara tal-missjoni u l-valuri tal-iskola, il-kultivazzjoni ta' klima pożittiva kemm fil-klassi kif ukoll fil-komunita' skolastika, kif ukoll l-użu tajjeb u maħsub tal-bini u l-ispazji tal-iskola.

It-tim jiffoka wkoll fuq it-titjib tal-kurrikulu (Struzzjoni u Tagħlim) billi jippromwovi esperjenzi ta' tagħlim ekstrakurrikulari u ko-kurrikulari sinjuri, l-implimentazzjoni ta' appoġġi effettivi għall-ippjanar, u l-monitoraġġ rigoruż tal-progress tal-istudenti.

Barra minn hekk, jitrawmu relazzjonijiet u sħubijiet b'saħħithom, li jinkludu relazzjonijiet pożittivi bejn l-istudenti u l-personnel, l-inkoraġġiment tal-espressjoni tal-vuċi tal-istudenti, it-tisħiħ tal-kollaborazzjoni bejn l-istaff, l-istudenti u l-ġenituri/kustodji, kif ukoll il-ħidma flimkien ma' skejjel oħra, entitajiet komunitarji, u appoġġ estern. Il-laqgħat regolari tat-tim jiżgura li jkun hemm follow-up għall-istudenti kollha; filwaqt li xi wħud ikollhom bżonn interventi qosra, oħrajn jista' jkollhom bżonn appoġġ kontinwu. Meta t-tim jiltaqa' regolarment u l-persunal ikun konxju tar-rwoli tiegħu u jkollu ċarezza rigward ir-riferimenti, joħroġ approċċ ta' skola sħiħa. Dan jiżgura li tingħata kunsiderazzjoni bir-reqqa lill-ħtiġijiet u l-kwistjonijiet ta' kull student, filwaqt li jingħata appoġġ lill-għalliema tal-klassi fl-implimentazzjoni ta' pjanijiet effettivi ta' azzjoni. Dan l-approċċ strutturat huwa kruċjali b'mod partikolari fl-iskejjel li jservu popolazzjonijiet vulnerabbli li jiffaċċjaw sfidi kumplessi.

Fl-aħħar nett, il-qafas tal-SST jinkoraġġixxi l-attenzjoni għall-politika u l-ippjanar, li jinkludi l-politiki u l-pjanijiet kollha relatati mal-benesseri, valutazzjoni interna bir-reqqa tal-iskola, u prijorita' fuq l-iżvilupp professjonali kontinwu. L-edukaturi huma mħeġġa jadattaw u jintegraw dawn id-dimensjonijiet fil-qafas tal-SST tagħhom, imfassal apposta biex

# SCIREARLY

**Politika u prattiċi bbażati fuq riċerka xjentifika biex jitnaqqas in-numru ta' studenti fl-Ewropa b'nuqqas ta' ħiliet u t-tluq bikri mill-iskola.**

Red Barnet, MHPSS Collaborative

Dan il-proġett irċieva finanzjarjament mill-Programm ta' Riċerka u Innovazzjoni Horizon tal-Unjoni Ewropea taħt il-Ftehim ta' Għotja Nru 101061288. Il-fehmiet u l-opinjonijiet espressi huma madankollu dawk tal-awtur(i) biss u mhux neċessarjament jirriflettu dawk tal-Unjoni Ewropea jew tal- Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka. La l-Unjoni Ewropea u lanqas l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka ma jistgħu jinżammu responsabbli għalihom.